



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Jannar 2023
(OR. en)

5422/23

COSCE 2
COPS 31
CFSP/PESC 91

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 5262/23	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa fl-2023-2024

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa fl-2023-2024, kif approvati mill-Kunsill fit-3929 laqgħa tiegħu tat-30 ta' Jannar 2023.

Prijoritajiet tal-UE għall-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa fl-2023-2024

1. Il-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata, mhux ġustifikata u illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna u t-tentattivi tar-Russja li tibdel l-arkitettura tas-sigurtà Ewropea bil-forza jmorru kontra l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli u s-sisien demokratiċi tal-ordni politiku, soċjali u ekonomiku Ewropew. F'dan il-kuntest, l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa għandhom jintensifikaw ir-relazzjonijiet tagħhom kemm f'termini kwalitattivi kif ukoll f'dawk kwantitattivi.
2. F'dinja fejn approċċi bbażati fuq l-unilateraliżmu flimkien ma' ċaqliq fil-poter ġeopolitiku jheddu l-multilateraliżmu, l-Unjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa bbenefikaw mill-punti pożittivi, l-għarfien espert u l-kompetenzi ta' xulxin. Id-difiża tal-multilateraliżmu hija aktar importanti minn qatt qabel. L-Unjoni Ewropea hija konvinta li multilateraliżmu effettiv li jkun ibbażat fuq regoli komuni jibqa' l-aħjar mod biex jiġu ppreservati l-paċi u s-sigurtà globali u biex jissaħħu d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt fl-Ewropa. F'dan il-kuntest, l-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni Konġunta tal-2021 dwar it-Tisħiħ tal-kontribut tal-Unjoni Ewropea għall-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli ser tkompli tiggwida l-kooperazzjoni tal-UE mal-Kunsill tal-Ewropa, filwaqt li fl-istess ħin tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha.
3. Bħala ksur serju tad-dritt internazzjonali u theddida kbira għall-paċi u s-sigurtà globali, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna għandha konsegwenzi serji fuq l-arkitettura multilaterali tal-Ewropa, inkluż ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa. F'dan iż-żmien, huwa essenzjali li tinżamm l-unità, li tiġi affermata mill-ġdid l-importanza tal-valuri u l-prinċipji komuni tagħna, u li jissaħħaħ ir-rwol tal-Kunsill tal-Ewropa bħala punt ta' referenza għall-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt fl-Ewropa.

4. L-UE tappoġġa l-organizzazzjoni tar-Raba' Summit tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern tal-Kunsill tal-Ewropa, li ser ikun strumentali f'dan ir-rigward. Kif suġġerit mill-Grupp ta' Riflessjoni ta' Livell Għoli tal-Kunsill tal-Ewropa, is-summit ser servi ta' opportunità biex jiġġedded l-impenn, fl-oġġla livell politiku, għall-valuri li fuqhom huwa msejjes il-Kunsill tal-Ewropa u biex jiġi definit ir-rwol tiegħu fis-sitwazzjoni ġeopolitika l-ġdida. L-Unjoni tilqa' bi pjaċir ir-rapport tal-Grupp ta' Riflessjoni ta' Livell Għoli bħala kontribut importanti, inkluż għat-tħejjijiet tas-Summit.
5. Fl-2009, id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona qiegħed id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-qalba tal-politiki tal-Unjoni Ewropea u ħoloq aktar opportunitajiet għal kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa. Matul dawn l-aħħar snin, iż-żewġ organizzazzjonijiet żviluppaw sħubija strateġika bbażata fuq valuri komuni u prijoritajiet kondiviżi. L-Unjoni Ewropea saret is-sieħeb istituzzjonali ewlieni tal-Kunsill tal-Ewropa f'termini politiċi, finanzjarji u legali kif ġie affermat mill-ġdid fis-sessjoni Ministerjali tal-Kumitat tal-Ministri li saret f'Hamburg f'Mejju 2021.
6. Bil-għan li tissaħħaħ id-demokrazija fl-Istati Ewropej, huwa fundamentali li jingħaqdu l-forzi biex jitreġġa' lura r-rigress demokratiku, jiġi promoss l-istat tad-dritt u jitħarsu d-drittijiet tal-bniedem, tiġi protetta l-integrità tal-proċessi demokratiċi kontra l-interferenza esterna u d-diżinformazzjoni, tiġi salvagwardjata l-indipendenza tal-ġudikatura, jiġu żgurati l-libertà tal-media u s-sikurezza tal-ġurnalisti, u tittejjeb l-effettività tal-istituzzjonijiet demokratiċi u tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, inkluż permezz ta' involviment sinifikattiv tal-atturi tas-soċjetà ċivili u parteċipazzjoni akbar taċ-ċittadini. Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, eżerċizzju bla preċedent ta' demokrazija parteċipattiva fil-livell tal-Unjoni Ewropea, esplorat modi ġodda kif iċ-ċittadini jkunu involuti f'deliberazzjonijiet dwar kif l-UE tista' tiġi żviluppata aktar fid-dawl tal-isfidi ewlenin, u ħolqot opportunitajiet għal kooperazzjoni futura mal-Kunsill tal-Ewropa – b'mod partikolari fil-kuntest tal-Forum Dinji għad-Demokrazija u l-Konferenza tal-NGOs Internazzjonali tal-Kunsill tal-Ewropa – fl-implimentazzjoni tal-proposti tagħha. L-UE u l-Kunsill tal-Ewropa għandhom l-għan li jiżviluppaw aktar l-involvement taċ-ċittadini fl-affarijiet Ewropej u li joħolqu spazji ġodda għal dibattiti bejn l-Ewropej.

7. Wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni tas-16 ta' Marzu 2022 tal-Kumitat tal-Ministri, il-Federazzjoni Russa ma baqgħetx membru tal-Kunsill tal-Ewropa u m'għadhiex Parti Kontraenti Għolja għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB), u minħabba dan aktar minn 140 miljun persuna fir-Russja ma baqgħux igawdu mill-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem offruta mill-Konvenzjoni. L-Unjoni Ewropea tikkommetti ruħha b'mod sħiħ għall-funzjonament effettiv tas-sistema tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa u ser tkompli tappoġġa l-inizjattivi tal-Kunsill tal-Ewropa li l-għan tagħhom huwa li jsaħħu l-iżvilupp tal-valuri tal-organizzazzjoni, b'mod partikolari l-attivitajiet tagħha b'appoġġ għall-Ukrajna. Il-Kunsill tal-Ewropa għandu wkoll iżid il-kooperazzjoni mal-atturi tal-oppożizzjoni demokratika u tas-soċjetà ċivili Belarussi (inkluż il-Grupp ta' Kuntatt li għadu kif ġie stabbilit) u Russi, il-media indipendenti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, attivi kemm ġewwa kif ukoll barra l-pajjiż ta' oriġini tagħhom, u billi jiffoka speċifikament fuq l-impenji favur id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija li saru fuq pjattaformi multilaterali oħra bħall-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa.
8. L-UE tissottolinja li d-drittijiet tal-bniedem kif garantiti mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u kif interpretati mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jinsabu fil-qalba tad-dritt tal-Unjoni u tenfasizza l-importanza tal-adeżjoni tal-UE għall-KEDB, li tippermetti lill-UE tkun involuta formalment, bħala Parti Kontraenti, fi proċedimenti quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. F'dak il-kuntest, l-UE ser tagħti aktar attenzjoni lill-ħidma tal-Kumitat tal-Ministri fis-superviżjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-Qorti.

9. Barra minn hekk, l-UE ser tkompli tappoġġa l-attivitajiet tal-Ftehimiet Parzjali u l-korpi speċjalizzati tal-Kunsill tal-Ewropa, b'mod partikolari l-Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija permezz tad-Dritt (il-Kummissjoni ta' Venezja), il-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO), il-Kumitat ta' Esperti dwar l-Evalwazzjoni ta' Miżuri Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu (MONEYVAL), il-Grupp ta' Esperti dwar l-Azzjoni kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (GREVIO), il-grupp ta' Esperti dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (GRETA), il-Kummissjoni Ewropea għall-Effikaċja tal-Ġustizzja (CEPEJ), il-Grupp ta' Kooperazzjoni Internazzjonali tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-Droga u d-Dipendenza Fuqha (il-Grupp Pompidou), il-Kumitat għall-Prevenzjoni tat-Tortura (CPT), il-Kumitat għall-intelliġenza artifiċjali (CAI), il-Kumitat ta' Lanzarote, il-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u mekkaniżmi oħra ta' standardizzazzjoni u monitoraġġ dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt.
10. Il-prospett ta' sħubija fl-UE jirrappreżenta fattur sinifikanti ta' stabbiltà fl-Ewropa li l-Kunsill tal-Ewropa qed ikompli jsaħħaħ. Fit-23 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill Ewropew irrikonoxxa l-perspettiva Ewropea tal-Ukrajna, tar-Repubblika tal-Moldova u tal-Georgia. Il-futur ta' dawn il-pajjiżi u taċ-ċittadini tagħhom jinsab fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Dan jagħti spinta għida biex isir aktar progress fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt f'dawn il-pajjiżi u fir-reġjun usa'.
11. L-UE tirrikonoxxi r-rwol importanti li jaqdi l-Kunsill tal-Ewropa fl-appoġġ għall-allinjament mal-Istandards Ewropej u fit-titjib tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' istituzzjonijiet importanti matul il-proċessi ta' riforma fil-Balkani tal-Punent u l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant. L-UE u l-Kunsill tal-Ewropa ser ikomplu jaħdmu flimkien biex jgħinu lill-pajjiżi kandidati u lill-kandidati potenzjali għall-adeżjoni mal-UE jagħmlu progress tanġibbli fil-proċess ta' riforma ġenerali tagħhom biex jissodisfaw il-kriterji tas-sħubija fl-UE. Il-programmi konġunti tagħna fir-reġjuni tat-Tkabir u tal-Viċinat ser ikomplu jappoġġaw l-isforzi ta' riforma fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt.

12. Il-Politika tal-Viċinat tan-Nofsinhar tal-Kunsill tal-Ewropa u ċ-Ċentru Ewropew għall-Interdipendenza u s-Solidarjetà Globali kienu kruċjali biex jitlejbu d-djalogu u l-kooperazzjoni bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar, titrawwem is-solidarjetà u jiġu promossi l-istabbiltà u s-sigurtà demokratika kemm fl-Ewropa kif ukoll fir-reġjuni ġirien tagħha. Illum il-ġurnata, l-impatt tal-Kunsill tal-Ewropa jmur lil hinn sew mill-kontinent Ewropew, peress li għadd kbir tal-konvenzjonijiet tiegħu huma miftuħa għall-iffirmar globali u diversi mekkaniżmi tiegħu jestendu madwar id-dinja. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tippromwovi l-adeżjoni ta' Stati mhux Ewropej mal-aktar konvenzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tal-Ewropa, inkluż fil-qasam tal-kooperazzjoni legali internazzjonali.
13. Fl-2021, il-volum globali tal-kooperazzjoni fil-Programm Konġunt bejn l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa laħaq EUR 207.4 miljun, bid-dħul annwali minn dawn il-programmi jammonta għal 57 % tar-riżorsi ekstrasbagitarji kollha tal-Kunsill tal-Ewropa. Fl-2019 ngħata bidu għal perkors ġdid ta' kooperazzjoni bejn l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa u dan jammonta għal baġit ta' aktar minn EUR 17-il miljun fil-qafas tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI) tal-Kummissjoni Ewropea, li jipprova appoġġ lill-Istati Membri tal-UE għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' riformi amministrattivi u strutturali li jtejjbu t-tkabbir foqasma li jinkludu d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt. Din il-kooperazzjoni eċċellenti, li baqgħet tiżdied matul l-aħħar snin, ser tkompli taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali li ser jopera mill-2021 sal-2027.
14. Fl-2023-2024, l-UE ser tibqa' fuq quddiem fl-appoġġ għal Kunsill tal-Ewropa riformat u b'ħajja ġdida, bil-għan li jiġi żgurati sostenibbiltà finanzjarja u attenzjoni kontinwa fuq l-effiċjenza. Hija ser tagħmel sforz biex ittejjeb il-viżibbiltà tal-għanijiet u l-attivitajiet tal-Kunsill tal-Ewropa u l-komunikazzjoni dwarhom, u r-risultati konkreti miksuba permezz tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa, inkluż permezz ta' dikjarazzjonijiet konġunti aktar frekwenti u avvenimenti ta' livell għoli dwar suġġetti ta' interess komuni. Involvement akbar tas-soċjetà ċivili jista' jikkontribwixxi wkoll biex tittejjeb din il-viżibbiltà.

15. Fis-sentejn li jmiss, il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa li sservi ta' benefiċċju reċiproku ser tkompli tiżviluppa permezz tat-tliet pilastri ewlenin tas-sħubija, jiġifieri d-djalogu politiku, il-kooperazzjoni legali u l-kooperazzjoni programmatika, filwaqt li tiffoka fuq il-prijoritajiet li ġejjin, li huma marbutin flimkien u jsaħħu lil xulxin, fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt. Iż-żewġ organizzazzjonijiet ser jagħmlu sforz biex jintensifikaw id-djalogu politiku tagħhom, inkluż permezz ta' kuntatti regolari f'livell politiku għoli, u jikkontribwixxu għall-iżviluppi normattivi u ta' politika ta' xulxin f'dawn l-oqsma:

DRITTIJET TAL-BNIEDEM

16. L-UE ser tappoġġa lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u lis-sistema tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem bħala l-istrumenti prinċipali biex jitħarsu d-drittijiet tal-bniedem fl-Ewropa. F'dan ir-rigward, l-UE ttenni l-impenn tagħha li taderixxi mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. L-Unjoni ser tkompli taġixxi fi sħubija mal-Kunsill tal-Ewropa fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem fir-relazzjonijiet esterni tagħha, kif iggwidata mill-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (2020-2024).
17. Biex tiġi żgurata d-dinjità tal-bniedem, l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt u l-qerda tat-tortura u ta' trattament ħażin ieħor huma essenzjali. L-UE u l-Kunsill tal-Ewropa ser ikomplu jappoġġaw, f'kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili u l-NGOs, żieda fid-dibattiti pubbliċi, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u tqajjim ta' kuxjenza fir-rigward tal-piena tal-mewt u l-impatt terribbli tagħha fuq l-individwi, il-familji u s-soċjetajiet, il-qerda tat-tortura u r-rimedju għall-vittmi. Il-ħruġ ta' Dikjarazzjoni Konġunta annwali bejn l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa kontra l-piena tal-mewt juri l-impenn qawwi favur l-eliminazzjoni tal-piena kapitali madwar id-dinja.

18. F'kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa, l-UE ser tkompli l-ħidma tagħha biex tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż it-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa kif ukoll l-awtonomizzazzjoni u l-parteċipazzjoni tagħhom kemm fl-Istati Membri tagħha kif ukoll fir-relazzjonijiet esterni tagħha. L-UE ser tikkooopera wkoll mal-Kunsill tal-Ewropa biex jipprevjenu u jiġġieldu kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika. Il-"Konvenzjoni ta' Istanbul" tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika ġiet ratifikata u qed tiġi implimentata minn 21 Stat Membru tal-UE. L-UE u l-Kunsill tal-Ewropa ser ifittxu li jidentifikaw sinerġiji bejn l-oqfsa legali dwar id-drittijiet tan-nisa u impenji politiċi bħall-Aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, u jesploraw attivitajiet u programmi konġunti dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, f'konformità mal-politika esterna tal-UE.
19. L-UE ser tkompli bl-isforzi konġunti tagħha mal-Kunsill tal-Ewropa bl-għan li tavvanza l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal, kif stabbilit fl-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal, il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, u l-Istrateġija l-ġdida tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2022-2027): "Id-Drittijiet tat-Tfal fl-Azzjoni: minn implimentazzjoni kontinwa għal innovazzjoni konġunta". Dan għandu jinkludi kooperazzjoni biex tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tat-tfal fil-ħajja politika u demokratika, titrawwem ġustizzja adatta għat-tfal, jiġu promossi sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal, jiġu protetti t-tfal mill-esponiment għal kontenut online dannuż jew illegali, u jiġi żgurat li l-awtoritajiet u s-servizzi rilevanti kollha jaħdmu flimkien biex jipproteġu u jappoġġaw lit-tfal.

20. Il-Kunsill tal-Ewropa huwa sieħeb ewlieni tal-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, pereżempju billi jfakkar it-18 ta' Novembru bħala l-Jum Ewropew dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament Sesswali u l-Abbuż Sesswali. L-Unjoni ser tkompli ssaħħa il-kooperazzjoni tagħha mal-entitajiet rilevanti kollha fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa hekk kif tavvanza bl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tagħha għal ġlieda aktar effettiva kontra l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, li tkopri tliet aspetti ewlenin, jiġifieri l-prevenzjoni, l-appoġġ għall-investigazzjonijiet, u l-assistenza lill-vittmi. L-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal huwa delitt mingħajr fruntieri. Sabiex jiġi żgurat rispons tassew globali, u jissaħħa l-istandards globali biex it-tfal jiġu protetti kontra dawn id-delitti, l-Unjoni ser tkompli tippromwovi u tfittex li tasal għall-adeżjoni u r-ratifika tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament Sesswali u l-Abbuż Sesswali (il-Konvenzjoni ta' Lanzarote).
21. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tikkomunika mal-Kunsill tal-Ewropa u l-Grupp ta' Esperti tiegħu dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (GRETA), f'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Traffikar tal-Bnedmin 2021-2025 u mad-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, bil-għan li jissaħħa l-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin u r-rispons għalih, jittejbu l-protezzjoni, l-appoġġ u l-awtonomizzazzjoni tal-vittmi, speċjalment in-nisa u t-tfal, u tissaħħa il-kooperazzjoni reġjonali fuq id-dimensjoni internazzjonali ta' dan id-delitt.
22. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tappoġġa wkoll l-isforzi tal-Kunsill tal-Ewropa fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem tal-migranti u r-refuġjati, b'attenzjoni partikolari għan-nisa u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli bħal tfal mhux akkumpanjati, persuni LGBTI, persuni b'diżabbiltà jew persuni li qed jiffaċċjaw diskriminazzjoni jew vjolenza. L-Unjoni tikkommetti ruħha għad-drittijiet tal-bniedem u s-salvagwardji proċedurali fir-rigward tal-migranti u l-persuni kollha li jfittxu ażil, b'mod partikolari dawk li qed jaħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-proposti skont il-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil flimkien ma' dawk relatati ma' każijiet ta' strumentalizzazzjoni tal-migranti u l-attivazzjoni immedjata tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja huma prova ta' dan.

23. L-UE u l-Kunsill tal-Ewropa ser itejbu l-iskambji u l-komunikazzjoni dwar politiki u inizjattivi għall-ġlieda kontra r-razziżmu u l-antisemitiżmu. L-UE ser tikkoopera mill-qrib mad-dipartimenti speċjalizzati tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Kummissjoni Ewropea tiegħu kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI) fil-qasam tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, inkluż fil-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija, f'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija għall-2021-2030 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2022 dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-antisemitiżmu.
24. Il-kollaborazzjoni bejn l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa (KtE) ser tkompli fil-qasam tal-libertà ta' reliġjon jew twemmin, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi li jesprimu r-reliġjon tagħhom permezz ta' prattiki kulturali, tradizzjonali u reliġjużi speċifiċi jew id-dritt tagħhom li ma jkollhomx twemmin reliġjuż, f'konformità mal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali.
25. Il-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi u gruppi vulnerabbli, inkluż il-persuni LGBTI, spiss ikunu fost il-persuni l-aktar milqutin f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u emerġenzi umanitarji. Il-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna għal darb'oħra wriet li għad fadal xi jsir biex dawn jingħataw appoġġ u protezzjoni. L-UE ser tkompli tikkoopera mal-Kunsill tal-Ewropa fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni kontra persuni LGBTI, filwaqt li tqis l-inizjattivi konġunti mmirati biex jappoġġaw id-drittijiet tal-bniedem ta' dawn il-persuni.
26. Huma previsti wkoll attivitajiet konġunti biex jissaħħu d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi oħra, speċjalment dawk li ġejjin minn minoranzi razzjali jew etniċi jew li jagħmlu parti minn komunitajiet Rom jew Travellers¹.
27. F'konformità mal-artikoli rilevanti dwar in-nondiskriminazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa ser jaħdmu flimkien bl-għan li jippromwovu r-rispett għad-diversità billi jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali f'konformità man-normi u l-istandards applikabbli tal-Kunsill tal-Ewropa u mar-rakkomandazzjonijiet applikabbli tal-Kummissjoni ta' Venezja.

¹ Ara l-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE Kontra r-Razziżmu 2020-2025.

28. Ser tingħata wkoll attenzjoni partikolari lill-attivitajiet konġunti mmirati biex jiġġieldu kontra t-tixrid tad-diskors ta' mibegħda u d-delitti ta' mibegħda fl-Ewropa, online u offline, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea "Ewropa aktar inklużiva u protettiva: l-estensjoni tal-lista ta' reati fl-UE għad-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda", adottata f'Diċembru 2021.
29. Fil-kuntest tad-drittijiet ekonomiċi u soċjali, l-UE ser taħdem flimkien mal-Kunsill tal-Ewropa dwar ir-rispett, il-protezzjoni u l-garanzija tad-drittijiet tal-bniedem f'konformità mal-Karta Soċjali Ewropea u l-Karta Soċjali Ewropea (ESC) riveduta, li jagħmlu enfasi fuq id-drittijiet tal-persuni akbar fl-età, in-nisa, it-tfal, il-persuni b'diżabbiltà u l-ħaddiema migranti. Il-fergħat ewlenin ta' kooperazzjoni f'dan il-qasam ser jiffukaw fuq il-promozzjoni ta' xogħol deċenti għal kulħadd u b'mod partikolari l-implimentazzjoni ta' politika ta' tolleranza żero dwar it-tħaddim tat-tfal u l-qerda tax-xogħol furzat; it-tnaqqis tal-inugwaljanzi permezz tal-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, il-promozzjoni ta' aċċess universali għall-protezzjoni soċjali u aċċess nondiskriminatorju għas-servizzi soċjali; id-djalogu soċjali; id-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u tajbin għas-saħħa għal kulħadd, dinja tax-xogħol mingħajr vjolenza u molestja kif ukoll ġestjoni responsabbli fil-ktajjen tal-provvista globali. Il-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa fil-promozzjoni tad-drittijiet soċjali tidher ukoll fl-involvement tiegħu fil-fora biannwali biex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tal-impenji li saru fis-Summit Soċjali tal-UE f'Porto fl-2021. L-UE ser tippromwovi wkoll l-implimentazzjoni effettiva tal-ESC u l-protokolli tagħha, u ssegwi b'interess il-proċess ta' riforma li għaddej bħalissa bl-għan li tittejjeb is-sistema tal-ESC.
30. L-Unjoni Ewropea ser tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni li ilha teżisti mal-gruppi ta' esperti tal-Kunsill tal-Ewropa fil-qasam tal-politika tad-demmi, it-tessuti u ċ-ċelloli, il-mutwalizzazzjoni tar-riżorsi, l-għoti ta' protezzjoni aħjar kemm lid-donaturi kif ukoll lir-riċevituri, f'konformità mad-drittijiet tal-bniedem u mar-rekwiżiti etiċi tal-Istati Membri, biex jiġi żgurat rispons aħjar għall-ħtiġijiet tas-saħħa pubblika. Il-kooperazzjoni mad-Direttorat Ewropew għall-Kwalità tal-Mediċini u l-Kura tas-Saħħa (EDQM) ser tikkontribwixxi wkoll għal dan l-għan.

31. Ir-rikonoxximent politiku tad-dritt għal ambjent nadif, san u sostenibbli bħala dritt tal-bniedem, kif stabbilit mir-Risoluzzjoni 48/13 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u r-Risoluzzjoni A/76/L.75 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, huwa suġġett kruċjali ieħor ta' kollaborazzjoni li fil-qafas tiegħu ż-żewġ organizzazzjonijiet jistgħu jikkontribwixxu b'mod reċiproku għal sensibilizzazzjoni akbar u għall-possibbiltà ta' żviluppi normattivi ġodda. L-UE tilqa' bi pjaċir l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tal-ambjent; hija ser tappoġġa l-implimentazzjoni tagħha kif ukoll il-ħidma futura tal-KtE fuq is-suġġett.
32. L-UE ser tagħmel sforz ukoll biex tiżgura l-istabbiltà istituzzjonali u finanzjarja fit-tul tal-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Ħajja Selvaġġa u l-Ambjenti Naturali tal-Ewropa (il-Konvenzjoni ta' Berna), li l-Unjoni tagħmel parti minnha, u li tenfasizza l-importanza li n-natura titħares b'mod responsabbli u sostenibbli, li jġib ukoll benefiċċji għall-benesseri tal-umanità.
33. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna tissottolinja bl-aktar mod ċar ir-rwol kruċjali tal-media indipendenti u kredibbli, b'mod partikolari fi żminijiet ta' kunflitt, u turi l-vulnerabbiltà tal-ħaddiema tal-media li jagħtu aġġornamenti dwar il-gwerra u miż-żoni tal-gwerra. F'kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa, l-Unjoni Ewropea ser tkompli tindirizza l-isfidi li jaffettwaw l-indipendenza u l-vijabbiltà tal-media, ixekklu d-diversità, u jikkompromettu s-sikurezza tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra tal-media u l-fiduċja tal-pubbliku fl-informazzjoni. L-UE ser issaħħaħ il-komunikazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa sabiex ittejjeb il-kollaborazzjoni fir-rigward tal-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-media, is-sikurezza tal-ġurnalisti u l-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni, id-diżinformazzjoni online u offline u l-kawżi strateġiċi kontra l-parteeċipazzjoni pubblika, u sabiex tikkontribwixxi għal koordinazzjoni aktar effiċjenti tal-inizjattivi internazzjonali biex jiġi evitat ir-riskju ta' xogħol doppju. L-UE tirrakkomanda lid-Delegazzjonijiet tal-UE biex jinżammu infurmati dwar it-twissijiet relatati mal-pajjiż speċifiku tagħhom tal-Pjattaforma tal-KtE biex jippromwov u l-protezzjoni tal-ġurnaliżmu u s-sikurezza tal-ġurnalisti, kif ukoll biex jippromwov u l-parteeċipazzjoni sinifikattiva tas-soċjetà ċivili, il-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda paċifika.

34. L-UE ser tkompli tappoġġa l-ħidma tal-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (HRDs) u l-organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili, inkluż l-organizzazzjonijiet immexxija min-nisa u miż-żgħażaġħ, u ser tikkoopera biex tiżgura l-parteeipazzjoni effettiva u sinifikattiva tagħhom fil-proċessi tal-Kunsill tal-Ewropa. Il-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa hija importanti wkoll fir-rigward ta' mekkaniżmi tal-UE bħall-Protezzjoni tad-Difensuri.
35. Fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u l-intelliġenza artifiċjali, l-Unjoni Ewropea ser tkompli taħdem mal-Kunsill tal-Ewropa biex jiġi żgurat approċċ responsabbli u ffukat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-iżvilupp, id-disinn u l-applikazzjoni tal-intelliġenza artifiċjali. Fil-qafas tal-Kumitat għall-Intelliġenza Artifiċjali, l-UE ser tikkontribwixxi għat-tfassil ta' strument legalment vinkolanti ta' natura trażversali dwar l-intelliġenza artifiċjali, ibbażat fuq l-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt u li jwassal għall-innovazzjoni, filwaqt li tagħmel sforz biex tiżgura l-konsistenza tal-istrument tal-Kunsill tal-Ewropa mal-acquis eżistenti tal-UE u mal-Att propost dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, filwaqt li tqis l-iżviluppi matul il-proċess leġislattiv.
36. Fil-kuntest ġeopolitiku attwali, is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiż-żoni ta' kunflitt fit-tul ser tkompli tirċievi wkoll l-attenzjoni u l-appoġġ sħaħ tal-Unjoni Ewropea.

DEMOKRAZIJA

37. L-UE tagħmel sforz biex tipproteġi u ssaħħaħ id-demokrazija madwar id-dinja billi tikkontribwixxi għall-*bini* ta' sistemi *demokratiċi aktar reżiljenti*. Imsejjes fuq l-Istrateġija Globali tal-UE, it-tiżiħ tad-demokrazija barra mill-UE huwa fl-interess strateġiku tal-Unjoni, peress li jikkontribwixxi għall-aspetti fil-qalba tal-Politika Esera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE (il-paċi u s-sigurtà, il-multilateraliżmu, l-iżvilupp u l-migrazzjoni).

38. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2019 dwar id-Demokrazija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024 ħadu nota tal-kuntest diffiċli għad-demokrazija madwar id-dinja li dejjem sejjer għall-aġar. L-UE ser tikkoopera mal-Kunsill tal-Ewropa biex tiġġieled kontra l-interferenza manipulattiva, li tinkludi kampanji ta' diżinformazzjoni, u biex tindirizza l-isfidi eżistenti għad-demokrazija billi tappoġġa l-kompetenza diġitali, l-edukazzjoni ċivika u trasparenza u inklużività akbar fil-proċessi demokratiċi.
39. L-UE tibbenefika b'mod sostanzjali mill-għarfien espert tal-Kummissjoni ta' Venezja, b'mod partikolari mill-għarfien espert tagħha fit-tiġib tal-istandards kostituzzjonali u l-liġi elettorali. L-UE ser tfittex li ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha mal-Kummissjoni ta' Venezja u s-Segretarjat tagħha fit-trawwim ta' riformi elettorali, inkluż dawk ibbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE.
40. Fil-qasam tal-edukazzjoni, l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa ser ikomplu l-kooperazzjoni siewja tagħhom permezz ta' għadd ta' proġetti emblematiċi ta' suċċess, b'enfasi fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess effettiv, ugwali u inklużiv għal edukazzjoni ġenerali ta' kwalità għal kulħadd, inkluż it-tfal Rom². L-importanza tal-kooperazzjoni hija enfasizzata aktar mill-ħtiġijiet tat-tfal Ukreni li ħadu rifuġju fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea. L-UE ser tkompli bl-appoġġ tagħha għall-Osservatorju għat-Tagħlim tal-Istorja fl-Ewropa permezz tal-proġett HISTOLAB, filwaqt li ssaħħaħ l-importanza tar-rwol tal-edukazzjoni dwar l-istorja fil-preservazzjoni tad-demokrazija fl-Ewropa kif ukoll trawwem sens ta' identità u ċittadinanza Ewropej.
41. L-UE u l-Kunsill tal-Ewropa ser ikomplu jaħdmu flimkien għall-iżvilupp ta' Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja inklużiva, innovattiva u interkonnessa, speċjalment billi jippromwovu l-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem.

² F'konformità mal-Qafas Strateġiku taż-Żona Ewropea għall-Edukazzjoni u l-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-Ugwaljanza, għall-Inklużjoni u għall-Parteċipazzjoni.

42. Fil-qasam tat-tagħlim tal-lingwi, il-ħidma komuni, bħall-ftehim ta' kooperazzjoni attwali maċ-Ċentru Ewropew għal-Lingwi Moderni tal-Kunsill tal-Ewropa, għandha l-għan li tippromwovi l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni billi tiddefinixxi approċċ Ewropew komuni għall-apprendiment tal-lingwi. Għandha wkoll l-għan li toffri edukazzjoni ta' kwalità għall-istudenti migranti - kompetenzi lingwistiċi żviluppati ħafna jinbidlu f'kompetenzi trażversali ewlenin biex jiġu appoġġati l-apprendiment, l-integrazzjoni, l-impjegabbiltà u l-koeżjoni soċjali. L-edukazzjoni multilingwi hija importanti biex jiġu appoġġati d-demokrazija u l-parteciġazzjoni inklużiva taċ-ċittadini kollha, inkluż il-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi.
43. L-UE u l-Kunsill tal-Ewropa għandhom kooperazzjoni li ilha teżisti u li tħalli impatt fil-qasam taż-żgħażaġh. Is-Sħubija taż-Żgħażaġħ bejn l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa tippromwovi politiki parteċipattivi għaż-żgħażaġh f'firxa ta' oqsma, fosthom l-appoġġ għall-edukazzjoni u l-għoti ta' għodod xierqa liż-żgħażaġh fid-dawl tat-tranżizzjoni diġitali. Fl-2023, is-Sħubija taż-Żgħażaġħ ser tikkontribwixxi għal-legat tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022 u l-kisba tal-oġġettivi tagħha. Eżempju ieħor ta' din il-kooperazzjoni huwa marbut mal-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ, li tagħti qafas strateġiku biex jissaħħa u jissawwar l-iżvilupp tal-ħidma fost iż-żgħażaġh. L-UE ser tkompli taħdem mal-Kunsill tal-Ewropa biex tawtonomizza liż-żgħażaġh, filwaqt li tirrikonoxxi r-rwol kruċjali tagħhom fit-tfassil tal-politika. F'nofs l-2023, iż-żewġ istituzzjonijiet sħab ser jagħtu bidu għal djalogu biex jiġi abbozzat il-pjan ta' ħidma l-ġdid tas-Sħubija taż-Żgħażaġħ bejn l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa għall-perjodu 2024-2025. L-UE ser tqis l-oportunitajiet għal kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa fil-qafas tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023.

44. L-isport jista' jkun għodda siewja għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-benesseri taċ-ċittadini Ewropej, b'mod partikolari wara l-pandemija. L-UE ser tkompli l-kooperazzjoni kostruttiva tagħha mal-Kunsill tal-Ewropa fuq għadd ta' suġġetti ta' interess reċiproku f'dan il-qasam, bħall-għieda kontra d-diskors ta' mibegħda fl-isport u l-isport sikur. L-Unjoni Ewropea involviet ruħha mill-qrib mal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-adozzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Manipulazzjoni tal-Kompetizzjonijiet Sportivi (il-Konvenzjoni ta' Macolin), filwaqt li tappoġġa l-oġġettiv u l-prinċipji tagħha u tafferma l-importanza li titkompla l-għieda kontra l-manipulazzjoni tal-kompetizzjonijiet sportivi. L-UE ssegwi wkoll l-evoluzzjoni tal-ħidma mwettqa fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar Approċċ Integrat għas-Sikurezza, is-Sigurtà u s-Servizzi waqt Logħob tal-Futbol u Avvenimenti Sportivi Oħra (il-Konvenzjoni ta' St. Denis).
45. Ir-rispett tad-drittijiet kulturali huwa fattur kruċjali biex jinkiseb żvilupp sostenibbli. L-UE ser tkompli tikkoopera mal-Kunsill tal-Ewropa biex tippromwovi l-aċċess għal attivitajiet kulturali u artistiċi, u biex tfiehem l-idea li l-kultura u d-djalogu interkulturali huma s-sisien ta' soċjetà moderna li toħloq il-kundizzjonijiet għall-espressjoni, il-preservazzjoni u l-iżvilupp ta' identitajiet distinti. Id-diversità kulturali hija valur essenzjali tad-demokrazzi u s-soċjetajiet ibbażati fuq ir-rispett u l-eżistenza paċifika flimkien. L-UE u l-Kunsill tal-Ewropa għandhom ikompli l-kooperazzjoni tagħhom biex joħlqu kundizzjonijiet li jsaħħu d-diversità kulturali, il-kreattività u r-rikonnoxximent xieraq tad-drittijiet tal-awturi u l-artisti, filwaqt li jippromwovu l-valorizzazzjoni tal-oġġetti u s-servizzi kulturali.
46. L-UE ser tkompli tikkoopera mal-Kunsill tal-Ewropa fl-organizzazzjoni tal-Jiem Ewropej tal-Wirt bl-għan li jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini Ewropej dwar il-wirt kulturali u naturali komuni tagħhom u biex dawn jiġu mħeġġa jinvolvu ruħhom b'mod attiv fil-ħarsien ta' dan il-wirt għall-ġenerazzjonijiet tal-preżent u tal-futur. Għandha tiġi esplorata l-kooperazzjoni fir-rigward tal-protezzjoni tal-kwalità tal-pajsaġġ u d-diversità fil-politika pubblika, b'mod partikolari fil-qafas tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Pajsaġġ relatati mal-kooperazzjoni internazzjonali u filwaqt li titqies il-leġiżlazzjoni tal-UE u l-inizjattivi li għaddejjin bħalissa. Il-protezzjoni u l-ħarsien tal-wirt kulturali u naturali, kif ukoll il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità lingwistika u kulturali, huma fundamentali għall-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti, għall-għieda kontra d-diżinformazzjoni u għall-ġenerazzjoni ta' djalogu u inklużjoni pożittivi.

47. L-UE u l-Istati Membri tagħha jirrikonoxxu r-rwol tal-Ftehim Parzjali Estiż dwar ir-Rotot Kulturali tal-Kunsill tal-Ewropa għall-promozzjoni tal-identità u ċ-ċittadinanza Ewropej permezz tal-għarfien u s-sensibilizzazzjoni dwar il-wirt komuni tal-Ewropa, u l-iżvilupp ta' rabtiet u djalogu kulturali fl-Ewropa kif ukoll ma' pajjiżi u reġjuni oħra. Ser ikompli jippromwov l-potenzjal tar-Rotot Kulturali tal-KtE għall-kooperazzjoni kulturali, l-iżvilupp territorjali sostenibbli, il-koeżjoni soċjali u l-unità Ewropea.

STAT TAD-DRITT

48. L-għarfien espert u r-rwol ta' riferiment tal-Kunsill tal-Ewropa għandhom importanza kruċjali fil-kuntest tal-pakkett annwali tat-Tkabbir tal-UE u l-Mekkaniżmu Ewropew tal-Istat tad-Dritt, li jinkludu t-tnejn tal-edizzjonijiet li jmiss tar-Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE u t-titjib kontinwu tal-għodod tal-UE mmirati lejn il-protezzjoni tal-istat tad-dritt. Il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni ta' Venezja, il-GRECO, is-CEPEJ u l-korpi rilevanti l-oħra kollha tal-Kunsill tal-Ewropa ser tibqa' prijorità ewlenija għas-snin li ġejjin.
49. L-impenn tal-UE biex jitrawmu d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt jestendi għall-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali u għall-viċinat tal-UE, fejn l-UE ser tkompli l-kooperazzjoni tagħha mal-Kunsill tal-Ewropa biex tappoġġa lill-pajjiżi fit-twettiq ta' riformi u taħriġ essenzjali, fir-rigward tal-ġustizzja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, u r-rwol tal-media ħielsa u indipendenti u tas-soċjetà ċivili, u – fir-rigward tal-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali – biex timmonitorja l-progress miksub f'dawk l-oqsma, f'konformità, fejn applikabbli/rilevanti, mal-metodoloġija msaħħa tal-proċess ta' adeżjoni.
50. L-UE ser tkompli wkoll il-kooperazzjoni mill-qrib tagħha mal-GRECO biex tippromwovi l-implimentazzjoni ta' standards biex tissaħħa il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u mal-MONEYVAL fir-rigward tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. L-UE ser tkompli taħdem mal-Kunsill tal-Ewropa biex jiġu appoġġati l-isforzi għat-tisħiħ tal-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fiż-żona tat-Tkabbir u tal-Viċinat tal-UE, jissaħħu l-kapaċitajiet fir-rigward tal-prevenzjoni u t-trażżin tal-korruzzjoni u tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, u jiġu żgurati risponsi ġudizzjarji effettivi.

51. F'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025 u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025 li jistabbilixxu l-qafas politiku u l-prijoritajiet għall-politika tal-UE dwar id-drogi fis-snin li ġejjin, l-UE ser tkompli l-kooperazzjoni mill-qrib tagħha mal-Grupp ta' Kooperazzjoni Internazzjonali tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-Drogi u d-Dipendenzi (il-Grupp Pompidou) biex tipprovdi għarfien, appoġġ u soluzzjonijiet għal politiki effettivi dwar id-drogi li jkunu bbażati fuq l-evidenza u li jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem.
52. It-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti jikkostitwixxu theddid serju għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt. L-UE tikkommetti ruħha li taħdem mill-qrib mal-Kunsill tal-Ewropa biex ittejjeb ir-rispons tagħha fis-settur tal-ġustizzja kriminali f'oqsma bħar-radikalizzazzjoni li jwasslu għat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, u r-riintegrazzjoni u r-riabilitazzjoni ta' awturi ta' reati terroristiċi. Ser tingħata attenzjoni speċjali lill-abbuż tal-internet minn estremisti u terroristi, u lir-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet.
53. Fil-qasam tal-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, l-UE ser tkompli taħdem mal-Kunsill tal-Ewropa fil-qafas tal-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità u l-protokoll addizzjonali tagħha. Ser tippromwovi l-Konvenzjoni ta' Budapest bħala qafas għall-kooperazzjoni internazzjonali u t-tiżiħ tal-kapaċitajiet.
54. Fil-qasam tat-traffikar ta' oġġetti kulturali, l-UE ser taħdem flimkien mal-Kunsill tal-Ewropa fir-rigward tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar ir-Reati marbutin mal-Proprietà Kulturali (il-konvenzjoni ta' Nikosija), filwaqt li tqis ukoll il-prinċipji u l-obbligi stabbiliti fil-Konvenzjoni Internazzjonali tal-UNESCO tal-1970 dwar il-Mezzi ta' Projbizzjoni u ta' Prevenzjoni tal-Importazzjoni, tal-Esportazzjoni u tat-Trasferiment Illeċiti tas-Sjieda tal-Proprietà Kulturali. L-UE ser tippromwovi l-Konvenzjoni u l-għanijiet tagħha li tipprevjeni u tiġġieled kontra t-traffikar illeċitu u l-qerda tal-proprjetà kulturali, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE li jmiss dwar it-Traffikar ta' Oġġetti Kulturali.
55. L-UE ser taħdem flimkien mal-Kunsill tal-Ewropa b'appoġġ għan-NU u inizjattivi multilaterali oħra relatati mal-istat tad-dritt.